

Brussell, 19 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14455/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0382(NLE)

ECOFIN 1067
FIN 1070
UEM 329

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 673 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10154/21 INIT; ST 10154/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 673 final.

Mehmuż: COM(2023) 673 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.10.2023
COM(2023) 673 final

2023/0382 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10154/21 INIT; ST 10154/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka

{SWD(2023) 343 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10154/21 INIT; ST 10154/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mid-Danimarka fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021².
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru jenħtieġ li tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fil-31 ta' Mejju 2023, id-Danimarka ppreżentat RRP nazzjonali modifikat, inkluż kapitlu tar-REPowerEU f'konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lid-Danimarka fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li d-Danimarka tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, tiddiversifika l-provvista tal-enerġija u tindirizza ż-żieda fid-domanda u l-ħtiġijiet ta' flessibbiltà billi tincentina l-iżviluppi meħtieġa tan-network tal-elettriku fil-livell tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni. Barra minn hekk, huwa appella biex jiġu ssimplifikati r-regoli applikabbli għall-ġhoti tal-permessi għall-enerġija rinnovabbli, jiġu implimentati miżuri addizzjonali li jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika fil-bini privat u pubbliku biex jitnaqqsu l-kontijiet tad-dawl u l-kostijiet tas-sistema tal-enerġija, tiġi żgurata

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 10154/21; ST 10154/21 ADD 1.

introduzzjoni aħjar ta' sorsi tat-tisħin dekarbonizzati, u jiżdienu l-isforzi ta' politika biex jiġu pprovduti u jinkisbu l-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

- (5) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.
- (6) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi riforma ġdida waħda u erba' investimenti ġodda. Ir-riforma l-ġdida tikkonsisti fl-istabbiliment ta' Persunal Nazzjonali għall-Kriżi Enerġetika (NEKST) biex jaħdem fuq l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika. Jenħtieġ li NEKST jaħdem speċifikament biex jaċċellera l-eliminazzjoni gradwali tal-gass għal skopijiet ta' tisħin u l-użu tal-enerġija solari u eolika fuq l-art. L-ewwel investiment għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp ta' erba' gigawatt ta' kapaċità ta' enerġija eolika lil hinn mill-kosta. It-tieni investiment jikkonsisti fil-finanzjament tal-monitoraġġ tal-kapaċità eolika lil hinn mill-kosta tad-Danimarka, pass meħtieġ biex jiġi aċċellerat it-tqegħid ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta fuq skala kbira. It-tielet investiment jipprovdwi appoġġ għall-ittestjar u l-installazzjoni ta' turbini eoliċi sperimentali u jikkontribwixxi biex tingħata spinta lir-riċerka u l-iżvilupp dwar l-enerġija eolika. Ir-raba' investiment jappoġġa lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) biex irawmu t-titjib tal-ħiliet ekoloġiċi b'rabta mat-tkomplija tal-VET u l-edukazzjoni għall-adulti. B'mod ġenerali, ir-riforma l-ġdida u l-investimenti l-ġodda inklużi fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu biex jiżdienu is-sehem tal-enerġija rinnovabbli u jiħaffef l-użu tagħha, u biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' rikwalifikazzjoni aċċellerata tal-forza tax-xoġħol lejn ħiliet ekoloġiċi. Ir-riforma tikkontribwixxi wkoll biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, billi tiffaċilita l-installazzjoni ta' soluzzjonijiet tat-tisħin aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u kosteffettivi fl-unitajiet domestiċi.
- (7) Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll espansjoni tal-miżuri li jaffettwaw żewġ miżuri taħt il-komponent 3 l-Effiċjenza Enerġetika, it-Tisħin Ekoloġiku u l-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju. L-espansjonijiet tal-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU jintroduċu titjib sostantiv fil-livell ta' ambizzjoni tal-miżuri diġà inklużi fl-RRP nazzjonali. L-espansjoni tal-miżura dwar is-sostituzzjoni tal-burners taż-żejt u tal-ifran tal-gass tkompli ssaħħaħ il-kontribut tal-kapitolu għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku, billi tissussidja l-installazzjoni ta' soluzzjonijiet tat-tisħin ekoloġiċi u effiċjenti fl-użu tal-enerġija fl-unitajiet domestiċi.
- (8) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament 2021/241.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (9) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u l-Anness V, il-kriterju 2.1, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmijin fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi li jħabbat wiċċu magħhom l-Istat Membru kkonċernat u l-allokkazzjoni finanzjarja għalih.

- (10) Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi miżuri li jappoġġaw l-ewwel u s-sitt pilastri. L-espansjoni tal-miżuri u l-miżuri l-ġodda taħt il-komponent 8 ikompli jsaħħu l-fokus tal-pjan oriġinali fuq it-tranżizzjoni ekoloġika. B'mod partikolari, il-miżuri jikkontribwixxu għall-aċċellerazzjoni tal-użu ta' installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli, għat-tnaqqis tad-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili għal skopijiet ta' tisħin, u għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Huma jikkontribwixxu wkoll għat-titjib tal-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss billi jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' investimenti fil-parti kontinwa tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), b'enfasi partikolari fuq il-kisba tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inklud il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lid-Danimarka, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħrajn adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (12) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati formalment mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-pjan modifikat mill-Kummissjoni. Billi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għad-Danimarka ġiet aġġustata 'l isfel, ir-rakkomandazzjonijiet tal-2022 u tal-2023 mhux relatati mal-isfidi tal-enerġija mhumiex ikkunsidrati fil-valutazzjoni ġenerali. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2023 dwar l-enerġija tqiesu wkoll fit-tfassil tal-modifiki, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, biex jiġu ssimplifikati r-regoli għall-ġhoti ta' permessi għall-enerġija rinnovabbli, biex tiġi żgurata introduzzjoni aħjar ta' sorsi tat-tisħin dekarbonizzati u biex jittejbu l-forniment u l-akkwist ta' ħiliet ekoloġiċi.
- (13) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti fil-mument tal-preżentazzjoni tal-RRP nazzjonali modifikat, il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjonijiet orizzontali għall-espansjoni tal-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (CSR 2022.1.2), ġiet implimentata kompletament. Inkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet biex jittejbu n-netwerks tat-trażmissjoni tal-enerġija, jiżdedu l-interkonnessjonijiet mal-pajjiżi ġirien (CSR 2022.4.3), tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa (CSR 2020.1.2), jiġu antiċipati proġetti maturi ta' investment pubbliku, jiġi promoss l-investment privat u biex l-investment jiġi ffukat fuq it-trasport sostenibbli u fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni (CSR 2020.2.1, 2.2, 2.4, 2.5).
- (14) Bil-Kapitolu REPowerEU, l-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jiġi indirizzati b'mod effettiv subsett sinifikanti tal-isfidi ekonomiċi u soċjali deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lid-Danimarka mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u ż-żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-provvista tal-enerġija, is-simplifikazzjoni tar-regoli applikabbli għall-ġhoti tal-permessi għall-enerġija rinnovabbli, l-implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali li jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika fil-bini privat u pubbliku biex jitnaqqsu l-kontijiet tad-dawl u l-kostijiet tas-sistema tal-

enerġija, l-iżġurar ta' introduzzjoni aħjar tas-sorsi tat-tisħin dekarbonizzati, u t-tisħiħ tal-isforzi ta' politika mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

- (15) Il-Kapitolu REPowerEU jagħti kontribut sinifikanti biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni orizzontali għall-“espansjoni tal-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li titqies l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tintuża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħrajn tal-Unjoni.” (CSR 2022.1.2). L-investimenti inklużi fil-kapitolu, kollha jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika billi jespandu l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jinvestu f'teknoloġiji ekoloġiċi għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija bħall-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju tas-CO2 bijoġeniku u atmosferiku, u jħejju lill-forza tax-xogħol biex tadatta għall-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika permezz tat-titjib tal-ħiliet ekoloġiċi. L-espansjoni tal-miżura dwar is-sostituzzjoni tal-burners taż-żejt u l-ifran tal-gass tikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà tal-enerġija billi tissostitwixxi l-makkinarju tal-fjuwils fossili b'sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew ekoloġiċi.
- (16) Il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati bosta sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija li saru fl-2022 (CSR 2022.4), kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija li saru fl-2023 (CSR 2023.4). L-investimenti skont il-miżura dwar l-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxu għal “tnaqqis fid-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili” (CSR 2022.4.1 u CSR 2023.4.1) u “jgħinu fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija billi jaċċelleraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli inkluż billi jintroduċu riformi biex jissimplifikaw u jħaffu l-proċeduri amministrattivi u tal-għoti ta' permessi” (CSR 2022.4.2, CSR2023.4.2, 4.4). Ir-riforma tal-Persunal Nazzjonali għall-Kriżi Enerġetika (NEKST) mistennija tnaqqas b'mod sinifikanti l-piżijiet amministrattivi u tissimplifika l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli fuq l-art u għat-tranżizzjoni mill-gass għal sorsi ekoloġiċi ta' tisħin. Kemm in-NEKST kif ukoll l-espansjoni tal-miżura li tipprovdi skema ta' appoġġ għas-sostituzzjoni tal-burners taż-żejt u l-ifran tal-gass b'tisħin distrettwali minn sorsi rinnovabbli jew pompi tas-sħana elettriċi jikkontribwixxu għat-“titjib fl-effiċjenza enerġetika” (CSR 2022.4.4) u “l-iżġurar ta' introduzzjoni aħjar ta' sorsi tat-tisħin dekarbonizzati” (CSR 2023.4.6). Il-miżura dwar it-titjib tal-ħiliet ekoloġiċi mistennija wkoll tikkontribwixxi biex jiżdedu l-isforzi ta' politika mmirati lejn “il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika” (CSR 2023.4.7).

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (18) Il-pjan modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU huwa vvalutat bħala konformi mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida

³ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

teknika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (2021/C58/01). Il-valutazzjoni ssir b'mod sistematiku għal kull espansjoni ta' miżura u miżura ġdida wara approċċ f'żewġ stadji. Il-valutazzjoni tikkonkludi li għal kull espansjoni ta' miżura u kull miżura ġdida skont il-kapitolu REPowerEU, jew ma hemm l-ebda riskju ta' ħsara sinifikanti jew, meta jiġi identifikat riskju, titwettaq valutazzjoni aktar dettaljata li turi n-nuqqas ta' ħsara sinifikanti. Id-Danimarka rrappurtat dwar il-valutazzjoni dettaljata għall-miżuri l-ġodda, inklużi dawk fil-kapitolu REPowerEU. L-ebda waħda mill-miżuri fil-kapitolu REPowerEU ma kienet teħtieġ deroga mill-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Meta meħtieġ, ir-rekwiżiti tal-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" jkunu minqax fit-tfassil ta' miżura u speċifikati fi stadju importanti jew mira li tirrappreżenta din il-miżura. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista' jiġi konkluż li l-pjan modifikat mistenni jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Kontribut għall-objettivi tar-REPowerEU

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, għal żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, għal żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew għat-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (20) Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija jikkontribwixxu għall-objettivi fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b), (c) u (f) tar-Regolament (UE) 2021/241. Jenħtieġ li s-simplifikazzjoni mistennija tal-proċeduri amministrattivi u tal-ġhoti tal-permessi u tal-proċessi relatati li għandhom jinkisbu mir-riforma tal-Persunal Nazzjonali għall-Kriżi Enerġetika (NEKST) tikkontribwixxi biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli u jiġi aċċellerat l-użu tagħha billi jitqassru u jiġu ssimplifikati l-proċessi tal-ġhoti tal-permessi. Dan se jikkontribwixxi wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin tal-unitajiet domestiċi billi tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tat-tisħin distrettwali. Jenħtieġ li t-tliet investimenti li jakkumpanjaw ir-riforma jżidu s-sehem tal-enerġija rinnovabbli u jaċċelleraw l-użu tagħha billi jiżviluppaw kapaċità eolika ġdida lil hinn mill-kosta, billi jiġi mmonitorjat il-potenzjal tar-riħ lil hinn mill-kosta tad-Danimarka u billi jiġu installati u ttestjati turbini eoliċi sperimentali. Jenħtieġ li l-investimenti fis-sussidjar tas-sostituzzjoni tal-burners taż-żejt u tal-ifran tal-gass għat-tisħin tal-unitajiet domestiċi jikkontribwixxu biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli u jiġi aċċellerat l-użu tagħha billi tiġi inċentivata l-installazzjoni ta' soluzzjonijiet ekoloġiċi u effiċjenti fl-użu tal-enerġija fl-unitajiet domestiċi. Dawn se jikkontribwixxu wkoll biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku. Jenħtieġ li l-investimenti fit-teknoloġiji tal-Qbid u l-Ĥzin tal-Karbonju jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija billi jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 b'madwar 0.5 miljun tunnellata fis-sena mill-2025 sal-2032. Jenħtieġ li l-investimenti fit-titjib tal-ħiliet ekoloġiċi jikkontribwixxu għall-appoġġ tal-objettivi skont l-Artikolu 21(3) il-punti (b), (c), u (f) tar-Regolament (UE) 2021/241 permezz ta' kwalifikazzjoni aċċellerata tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet ekoloġiċi billi jiġu ffinanzjati l-iżvilupp u l-ittestjar ta' korsijiet ta' taħriġ relatati mat-teknoloġiji ekoloġiċi u s-sostenibbiltà.
- (21) Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma koerenti mal-isforzi tad-Danimarka biex tilħaq l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2021/241,

filwaqt li tqis il-miżuri inklużi fl-RRP oriġinali, kif ukoll miżuri komplementari jew ta' akkumpanjament oħrajn ifffinanzjati fil-livell nazzjonali u ffinanzjati mill-Unjoni. Il-miżuri skont il-kapitolu huma allinjati mal-qafas ta' politika tad-Danimarka li għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tad-Danimarka b'70 % sal-2030 (meta mqabblin mal-livell tal-1990) u lejn il-kisba tan-newtralità klimatika sal-2045. Bosta miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU jikkomplementaw miżuri oħrajn ifffinanzjati mill-Unjoni taħt il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew Plus, bħat-titjib tal-ħiliet ekoloġiċi u l-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju.

- (22) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, iż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u t-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza mill-fjuwils fossili qabel l-2030.

Miżuri li għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-Anness V, il-kriterju 2.13 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija li fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) ikollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (24) Il-Kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi għall-iżgurar tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni kollha kemm hi, inkluż billi jindirizza l-isfidi identifikati fl-aktar valutazzjoni tal-ħtiġijiet reċenti tal-Kummissjoni, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li jqis il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għad-Danimarka u l-pożizzjoni ġeografika tagħha. Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu għall-iżgurar tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni billi jiżviluppaw kapaċità addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli u billi javvanzaw il-mira tal-UE ta' 300 GW ta' enerġija eolika lil hinn mill-kosta fl-Ewropa qabel l-2050.
- (25) Il-Kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija billi jrawwem l-użu tal-enerġija rinnovabbli, billi jappoġġa lill-unitajiet domestiċi biex ma jibqgħux jużaw il-gass u jikkonvertu għal soluzzjonijiet ta' tisħin ekoloġiku, u billi jipprovdi għajnuna operazzjonali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi għall-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju li għandhom potenzjal kbir għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. It-teknoloġija tal-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju għandha potenzjal transfruntier sinifikanti, peress li ż-żoni għal tali ħżin fit-territorju Daniż jistgħu jintużaw għall-ħżin tas-CO2 minn sorsi internazzjonali u peress li l-iżvilupp tat-teknoloġija jista' jiġi esportat.
- (26) L-istima tal-kostijiet tal-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU li għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali jirrappreżentaw 53 % tal-istima tal-kostijiet totali tal-kapitolu REPowerEU. Għalhekk, il-kapitolu huwa meqjus li għandu, fil-biċċa l-kbira, dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (27) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) u l-Anness V, il-kriterju 2.5 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU jinkludi miżuri li fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 69 % tal-allokazzjoni

totali tal-RRP u 100 % tal-istima tal-kostijiet totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (28) Il-kapitolu REPowerEU għandu l-objettiv ġenerali li jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika permezz tal-użu tal-enerġija rinnovabbli, it-titjib tal-ħiliet ekoloġiċi u t-tnaqqis jew it-tneħħija tal-emissjonijiet tas-CO₂.
- (29) Jenħtieġ li dan l-objettiv multiplu jintlaħaq permezz a) tas-simplifikazzjoni u t-tħaffif tal-proċeduri amministrattivi u tal-ġhoti ta' permessi għall-użu ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-introduzzjoni tat-tisħin distrettwali minn sorsi rinnovabbli; b) tat-trawwim tal-iżvilupp tal-kapaċità eolika lil hinn mill-kosta u tal-appoġġ għall-ittestjar ta' turbini eoliċi sperimentali; c) tal-finanzjament ta' inizjattivi ta' titjib tal-ħiliet ekoloġiċi; d) tal-issussidjar tas-sostituzzjoni tal-burners taż-żejt u tal-ifran tal-gass; e) tal-appoġġ għat-teknoloġiji innovattivi tal-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji, b'potenzjal li l-emissjonijiet tas-CO₂ jitnaqqsu b'0,5 miljun tunnellata fis-sena fil-perjodu 2025-2032.
- (30) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050, billi jaċċelleraw l-użu u l-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli, billi jeliminaw gradwalment il-gass għat-tisħin fl-unitajiet domestiċi, billi jiddekarbonizzaw l-industrija, kif ukoll billi jiżviluppaw il-ħiliet ekoloġiċi meħtieġa biex il-forza tax-xogħol tal-futur titħejja għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Is-sehem żdied minn 25 % fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għad-Danimarka filwaqt li t-tnaqqis fl-allokkazzjoni finanzjarja lid-Danimarka f'Ġunju 2022 implika żieda fis-sehem diġitali għal 27 %, minħabba l-effett tad-denominatur. Is-sehem ġie kkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, huwa meqjus li l-RRP emendat jkompli jinkludi miżuri li jikkontribwixxu b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha.

Impatt dejjiemi

- (32) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jkollu impatt dejjiemi fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) fuq id-Danimarka.
- (33) Bl-espansjoni tal-miżura relatata mas-sostituzzjoni tal-burners taż-żejt u tal-ifran tal-gass, il-pjan jista' jkun mistenni jnaqqas b'mod dejjiemi l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-unitajiet domestiċi u jagħti spinta lill-qalba mill-fjuwils fossili għal sorsi tat-tisħin aktar sostenibbli. Il-miżuri tal-kapitolu dwar l-enerġija rinnovabbli jappoġġaw b'mod dejjiemi t-tranżizzjoni ekoloġika lil hinn mill-iskeda ta' żmien tal-RRP. Il-miżura dwar il-monitoraġġ tal-kapaċità eolika lil hinn mill-kosta tistabbilixxi l-bażi għad-Danimarka biex tikkontribwixxi għall-mira tal-UE ta' 300 GW ta' enerġija eolika lil hinn mill-kosta sal-2050. Ir-riforma li kellha l-għan li tissimplifika u tqassar

il-proċeduri amministrattivi għall-użu ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli, ittejjeb b'mod dejjiemi l-kundizzjonijiet qafas għall-użu tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, il-miżura ta' titjib tal-ħiliet ekoloġiċi tħejji l-forza tax-xogħol għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'ħiliet li se jintużaw lil hinn mill-perjodu ta' żmien tal-RRF.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (34) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-Anness V, il-kriterju 2.8 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien, l-istadji importanti u l-miri previsti, u l-indikaturi relatati.
- (35) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u l-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, sabet li l-RRP oriġinali kien adegwat (Klassifikazzjoni A) biex jiżgura monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (36) In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP tad-Danimarka ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP. Il-Ministeru għall-Finanzi jibqa' responsabbli għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan. L-istadji importanti u l-miri li jakkumpanjaw il-miżuri inklużi fl-RRP oriġinali huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. Barra minn hekk, l-istadji importanti u l-miri li jakkumpanjaw il-miżuri l-ġodda u l-miżuri l-ġodda fil-kapitolu REPowerEU, huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għal miżuri diġà kompluti li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-tweġġiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ biex tiġi ġġustifikata talba ta' żborż.

Ikkostjar

- (37) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (38) Il-valutazzjoni tal-pjan Daniż oriġinali sabet li l-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP għall-istima tal-kost totali tal-RRP kienet moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, u konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni. Id-Danimarka kienet ipprovdiet stimi tal-kostijiet għall-miżuri kollha fis-seba' komponenti tal-RRP oriġinali. L-istimi jipprovdu xi għarfien dwar l-elementi tal-kostijiet u l-fatturi ewlenin tal-kostijiet. F'xi każijiet, dawn huma bbażati fuq miżuri ta' politika preċedenti, riċerka u sorsi oħrajn simili. L-akbar elementi tal-kostijiet kienu bbażati fuq simulazzjonijiet makroekonomiċi. Xi elementi tal-kostijiet kienu akkumpanjati minn dokumentazzjoni mhux kompluta bħal kuntratti, prezzijiet tal-unità jew suppożizzjonijiet.
- (39) L-informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-kapitolu REPowerEU f'xi każijiet hija akkumpanjata minn eżempji ta' kostijiet ta' attivitajiet simili preċedenti. F'xi każijiet, il-prezzijiet tal-unità, bħall-ispejjeż tal-persunal, huma inklużi. Madankollu, xi

elementi tal-ikkostjar mhumiex iddokumentati kompletament, u dan iwassal għall-valutazzjoni li l-informazzjoni dwar l-ikkostjar hija moderatament ċara. Fl-aħħar nett, l-istima tal-kost totali tal-pjan modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (40) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħrajn għall-promozzjoni u l-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (41) Fil-valutazzjoni oriġinali, l-arranġamenti deskritti fl-RRP ġew ivvalutati bħala adegwati (Klassifikazzjoni A) biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Ministeru għall-Finanzi jkun responsabbli b'mod ġenerali għall-implimentazzjoni tal-pjan u jenħtieġ li jwieġeb f'isem Ministeri oħrajn għall-aspetti operattivi u amministrattivi tal-pjan. Fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi, l-Uffiċċju tal-Awditjar u s-Superviżjoni (OAS) huwa responsabbli għat-tweqqif tal-kontrolli rigward l-applikazzjoni tal-fondi mill-Ministeri u d-dokumentazzjoni u t-tweqqif tal-miri u l-istadji importanti.
- (42) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fil-pjan Daniż għall-irkupru u r-reżiljenza modifikat u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni, huma bbażati fuq proċessi u strutturi robusti u jidentifikaw b'mod ċar il-partijiet involuti u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-tweqqif tal-kompiti ta' kontroll intern. Is-sistema ta' kontroll intern tissegrega b'mod xieraq il-funzjonijiet rilevanti u tikkonsisti fiż-żewġ livelli: (i) verifiki tal-ġestjoni, awditjar u kontrolli mwettqa mill-ministeri kompetenti fil-livell deċentralizzat u (ii) awditi mwettqa mill-Ministeru għall-Finanzi fil-livell ċentralizzat. Is-sistema ta' kontroll intern u arranġamenti rilevanti oħrajn fil-pjan Daniż għall-irkupru u r-reżiljenza modifikat, inkluż għall-mekkaniżmi ta' verifika, il-ġbir u l-ħżin tad-*data*, ir-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti huma adegwati fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi, il-kunflitt ta' interess meta jintużaw il-fondi skont ir-Regolament (UE) 2021/241 u biex jiġi evitat finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni.
- (43) Jenħtieġ li jiġu introdotti stadji importanti addizzjonali dwar l-awditjar u l-kontroll biex tiġi prevista sistema ta' repożitorju kompletament operazzjonali u funzjonali u li jirrikjedu li d-Danimarka tipprovdi sett ta' *data* komplut u affidabbli miġbur u maħżun f'konformità mal-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament (UE) 2021/241; kif ukoll biex jiġi

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

adottat pjan ta' azzjoni relatat mal-istrateġija kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni. Dan għandu jkompli jsahha il-miżuri għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Koerenza tal-RRP

- (44) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-Anness V, il-kriterju 2.11 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jinkludi fil-bieċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrapreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (45) Il-Kapitolu REPowerEU jirfed ulterjorment il-koerenza tal-pjan Daniż, billi jipprovdi elementi addizzjonali li jsaħħu lil xulxin. Ir-riforma tiffaċilita l-investimenti ppjanati tal-kapitolu u tikkontribwixxi ulterjorment biex jitħaffu l-investimenti ekoloġiċi inklużi fl-RRP oriġinali permezz ta' proċeduri amministrattivi semplifikati u aċċellerati. L-espansjoni tal-miżura CCS għandha titqies bħala li tikkomplementa u tirrinforza l-miżura oriġinali fil-Komponent 3, kif ukoll is-sħubija għar-riċerka dwar is-CCS fil-Komponent 7 tal-RRP oriġinali. L-ebda miżura ma tikkontradixxi jew timmina l-effettività ta' miżuri oħrajn, u ma ġiet identifikata l-ebda inkonsistenza jew kontradizzjoni bejn komponenti differenti.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (46) Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki mressqa mid-Danimarka ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għad-Danimarka rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (c) u (f) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (47) Bi tħejjija għall-kapitolu REPowerEU, il-Ministeru għall-Finanzi tad-Danimarka nieda portal ta' konsultazzjoni pubblika online fuq il-paġna web tal-Pjan Daniż għall-Irkupru u r-Reżiljenza iddedikata għal hekk. Il-Ministeru mexxa wkoll laqgħa tal-partijiet ikkonċernati li għaliha attendew rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tal-assoċjazzjonijiet u l-konfederazzjonijiet tal-kummerċ, tal-gruppi ta' interess u atturi oħrajn. Il-miżuri inklużi fil-pjan modifikat fosthom il-kapitolu REPowerEU jirriflettu s-suġġerimenti li saru fil-konsultazzjoni dwar iż-żieda fl-investimenti fl-enerġija rinnovabbli – b'mod partikolari l-enerġija solari u eolika lil hinn mill-kosta (inklużi f'C8.I1.1: Tħejjija ta' sejħa għall-offerti għal 4 Gigawatt minn Teknoloġija Eolika lil hinn mill-Kosta, C8.I1.2: Monitoraġġ tal-kapaċità eolika lil hinn mill-kosta tad-Danimarka, C8.I1.3: Appoġġ għall-ikkummissjonar ta' turbini eoliċi sperimentali), semplifikazzjoni tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli (inklużi f'C8.R1: Persunal Nazzjonali għall-Kriżi Enerġetika (NEKST)), żieda fl-effiċjenza enerġetika u l-eliminazzjoni gradwali tal-bojlers tal-gass (inklużi f'C8.I3: Is-sostituzzjoni tal-burners taż-żejt u l-ifran tal-gass), l-aċċellerazzjoni tal-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju (inklużi f'C8.14: Il-potenzjal tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS)) u l-inklużjoni tal-ħiliet ekoloġiċi fl-edukazzjoni kontinwa (inklużi f'C8.I2: Titjib tal-ħiliet ekoloġiċi). Suġġerimenti oħrajn bħall-appoġġ għall-bijogass, żieda fit-tnaqqis tat-taxxa jew taxxi ġodda tas-CO₂, ma setgħux jiġu akkomodati fil-kuntest tal-kapitolu REPowerEU. Inputs ta' dan it-tip jiġu indirizzati permezz ta' inizjattivi ffinanzjati fil-livell nazzjonali fi gradi varji.

Valutazzjoni pożittiva

- (48) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, bil-konstatazzjoni li l-pjan jikkonferma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (49) L-istima tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU tad-Danimarka huma ta' DKK 13 477 000 000, li huma ugwali għal EUR 1 812 233 337 fuq il-bażi tar-rata ta' referenza tal-BĊE għall-EUR DKK tat-30 ta' April 2021 għall-pjan oriġinali u abbażi tar-rata ta' referenza tal-BĊE għall-EUR DKK tal-31 ta' Mejju 2023 għall-kapitolu REPowerEU. Peress li l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat hija ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għad-Danimarka, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 allokata għall-RRP modifikat tad-Danimarka inkluż il-kapitolu REPowerEU tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat tad-Danimarka inkluż il-kapitolu REPowerEU. Dan l-ammont huwa ta' EUR 1 429 149 364⁵.
- (50) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fil-31 ta' Mejju 2023 id-Danimarka ppreżentat talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. L-istima tal-kostijiet totali tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f) inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU hija ta' DKK 1 467 000 000, li huma ugwali għal EUR 196 965 628 fuq il-bażi tar-rata ta' referenza tal-BĊE għall-EUR DKK tal-31 ta' Mejju 2023. Peress li dan l-ammont huwa ogħla mis-sehem tal-allokazzjoni disponibbli għad-Danimarka, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għad-Danimarka jkun daqs is-sehem tal-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 130 714 933⁶.
- (51) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755⁷, fl-1 ta' Marzu 2023, id-Danimarka ppreżentat talba motivata biex tittrasferixxi parti mill-allokazzjoni proviżorja tagħha li fadal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit lill-Faċilità, li tammonta għal EUR 66 026 588. Jenħtieġ li dan l-ammont isir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu tar-REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli.
- (52) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għad-Danimarka tkun ta' EUR 1 625 890 885.

⁵ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tad-Danimarka tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

⁶ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tad-Danimarka tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

Prefinanzjament tar-REPowerEU

- (53) Id-Danimarka talbet il-finanzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU tagħha: trasferiment ta' EUR 66 026 588 mill-allokazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 130 714 933 mid-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (54) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fil-31 ta' Mejju 2023, id-Danimarka talbet prefinanzjament ta' 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni tad-Danimarka soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u d-Danimarka skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 (“il-ftehim ta' finanzjament”) u f'konformità miegħu.
- (55) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (ST 10154/21; ST 10154/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għad-Danimarka tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tad-Danimarka fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli għad-Danimarka kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 1 625 890 885⁸. Din il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 1 302 852 547 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;

⁸ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tad-Danimarka tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

- (b) ammont ta' EUR 126 296 817 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
- (c) ammont ta' EUR 130 714 933⁹, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punt (a);
- (d) ammont ta' EUR 66 026 588, ittrasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribut finanzjarju tal-Unjoni disponibbli għad-Danimarka f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. L-ammont ta' EUR 201 682 144 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

3. L-ammont ta' EUR 39 348 304 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jiġi jitħallas mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

Il-Kummissjoni tista' tħallas il-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.”;

(4) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni:

Artikolu 4
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 tad-Danimarka, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Anness IVa ta' dak ir-Regolament.